*Compound Interest*

*Anatocizmu*

*Overdraft u Self*

*Art 1142 tal-Kap 16*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju 2016

**Kawza Numru : 26**
**Rikors Guramentat Numru : 757/2015/LSO**

**Bank of Valletta p.l.c. (c 2833)**

**vs**

**1. Galbest Limited (C 19350)**

**2. Charles Agius (K.I. numru 27975 (M)**

**3. Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani (K.I. numri 464087 (M) u 448472 (M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) datat 7 ta’ Awwissu 2015 fejn Joseph Caruana (I.D. 709057(M)) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` attrici kkonferma bil-gurament : -

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti, maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza, datati 23 ta' Dicembru 2010 (Dok. "A" u Dok. "B"] is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` Galbest Limited.

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` Galbest Limited fis-somma ta' mitejn u tmint elef, erba' mitt ewro u disghin centezmu (€208,400.90] bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta` Galbest Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C 1 sa C 11" u Dok. "D 1 sa D 2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' Mejju 2015 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi permezz ta' zewg kuntratti, maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza datati 23 ta' Dicembru 2010 (Dok.

"A" u Dok. "B") u permezz ta' zewg skritturi privati datati 25 ta' Novembru 2010 (Dok. "E" u Dok.'T") il-konvenut Charles Agius iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta` Galbest Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti ta' l-istess Galbest Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz ta' zewg kuntratti, maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza datati 23 ta' Dicembru 2010 (Dok. "A" u Dok. "B") u permezz ta' zewg skritturi privati datati 25 ta' Novembru 2010 (Dok. "G" u Dok."H") il-konvenuti Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta` Galbest Limited Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c., id-debiti ta' l-istess Galbest Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti "A", "B", "E", "F", "G" u "H") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` Galbest Limited, Charles Agius u Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f' obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati *sopra* indikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta` Galbest Limited, Charles Agius u Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani li jipperikolaw jew

jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 15 ta' Mejju 2014 li kopji taghhom qed jigu esebiti u mmarkati Dok. "I", "J" u "K", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' it-talbiet tas-socjeta` attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija [u hawn ezebiti bhala Dokument "A", "B", "E", "F", "G" u "H" ) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` Galbest Limited, Charles Agius u Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f’ obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati *sopra* indikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Galbest Limited, Charles Agius u Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-

possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2 Tikkundanna lill-konvenuti kollha u cioe' lis-socjeta` Galbest Limited, Charles Agius u Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani, ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom, lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmint elef, erba' mitt ewro u disghin centezmu (€208,400.90) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta` Galbest Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C 1 sa C 11" u Dok. "D 1 sa D 2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-12 ta' Mejju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 15 ta' Mejju 2014 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni. (Dok. "I", "J" u "K").

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2015.

Rat ir-risposta ta’ Charles Agius f’ ismu u f’ isem l-intimati l-ohra datata 9 ta’ Ottubru 2015 (fol 70) fejn espona bil-qima u bil-gurament tieghu kkonferma: -

1. Illi l-ammont kif mitlub mhuwiex dovut fl-intier tieghu;

2. Illi wiehed irid jara jekk fl-ammont reklamat huwa mahdum bl-imghax semplici jew bl-imghax *compound* u

ghalhekk l-imghax *compound* mhux dovut b'hekk ghandu jigi aggustat;

3. Illi jidher car illi l-bank rikorrenti impona diversi multi li l-esponenti qatt ma kienu accettaw li jhallsu u jekk hemm imghax fuq dan l-ammont, l-ammont reali huwa ferm inqas;

4. Illi l-esponenti ghadhom behsibhom jonoraw l-obbligi taghhom u ma kisrux l-obbigi kollha taghhom naxxenti mill-kuntratti ezebiti;

5. Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 5 ta' Mejju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Dominic Cassar u Dr Lara Cassar ghall-Bank attur, u Dr Martin Fenech ghas-socjeta` intimata. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta’ Dr Frank Cassar u ta’ Dr Martin Fenech, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta’ Lulju 2016 fid-9: 30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi f’din il-kawza, l-Bank attur qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta’ mitejn u tmien telef, erba mitt Ewro u disghin centezmu (€208,400.90) rapprezentanti l-bilanc dovut ta’ “*Loan* u *Overdraft Accounts*” tas-socjeta` Galbest Ltd.

L-intimati laqghu billi opponew l-ammont reklamat li mhuwiex dovut fl-intier tieghu, illi jrid jigi ezaminat jekk dan l-ammont reklamat huwiex mahdum b'imghax semplici jew b'imghax kompost. Gie eccepit li l-Bank impona fuqhom diversi multi mhux accettati da parti taghhom, u inoltre` gie eccepit li l-intimati ghadhom behsibhom jonoraw l-obbligi skont il-kuntratti msemmija fir-rikors promotur, u ghalhekk, m'hemm l-ebda ksur ta' l-obbligi taghhom.

Il-**fatti** fil-qosor huma s-segwenti. Jirrizulta li saru zewg kuntratti mal-Bank attur, l-ewwel wiehed fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bizazza tat-23 ta' Dicembru 2010 **Dok A** (fol 4-10) fejn il-Bank ikkonceda self lill-intimati fl-ammont ta'mija u erbgha u erbghin elf Ewro (€144,000). Illi fit-tieni kuntratt, fl-atti tal-istess Nutar Bizazza li jgib l-istess data, **Dok B**, (fol 11-17), l-Bank ta facilita bankarja fl-ammont ta' erbghin elf Ewro (€40,000). Jirrizulta minn kopji ta' skritturi privati esebiti **Dok E sa H**, (fol 31 sa 46), li Charles Agius iggarantixxa flmikien u 'in solidum' mas-socjeta` Galbest Ltd. id-debiti tal-istess Galbest Ltd. Jirrizulta wkoll, li Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani ggarantew flimkien u 'in solidum' mas-socjeta` Galbest Ltd. id-debiti tal-istess Galbest Ltd. mal-BOV. In segwitu, intbaghtu l-ittri ufficjali mill-Bank lill-intimati kollha, liema ittri ufficjali huma esebiti bhala **Dok I sa Dok K** (fol 47-54).

**Provi:**

**Joseph Caruana**, rapprezentant legali tal-Bank xehed permezz ta' affidavit (fol 67-68), u qal li permezz ta' kuntratti esebiti Dok A u Dok B, is-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` Galbest Ltd. Semma li l-intimati Charles Agius u Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani, iggarantew flimkien u *in solidum* mas-socjeta` Galbest Ltd. id-debiti tal-istess Galbest Ltd. favur il-Bank attur. Dan sar permezz tal-iskritturi privati esebiti **Dok E, F, G, H.** Qal li l-intimati naqsu li jhallsu l-pagamenti dovuti, u ghalhekk, gew interpellati permezz ta' ittri ufficjali esebita.

**Rose Cortis**, *Litigation Officer* mal-Bank of Valletta xehdet (fol 78-80)[1] u qalet li minn meta gie pprezentat il-kaz odjern, baqghu ma sarux pagamenti. Mistoqsija dwar multi qalet li m'hemmx multi, izda riferuta ghal *charge* imnizzla a fol 28, rreferiet ghar *relationship officer* li jkun ahjar li jixhed hu dwar dan.

**George Cassar White**, *Head Litigation Section*, u *relationship manager* tal-kont ta' Galbest Ltd. xehed (fol 82-87)[2] u qal rigward il-kont tas-self, li l-imghaxijiet inhadmu bis-*simple interest*, kif jidher f'Dok D1 u D2. Fir-rigward tal-*overdraft*, qal li dan jinhadem b'imghax kompost, u jkun biss mill-'call-in' l-hemm, li jinhadem b'*simple interest* kif jidher minn Dok C1 sa C11.

[1] Seduta tat-3 ta' Novembru 2015.
[2] Seduta tat-12 ta' Novembru 2015.

Referibbilment ghac-*charges* imnizzlin a fol 23 sa 29 tal-process, qal li dawn kienu a bazi tal-fatt li c-cekkijiet ibbawnsjaw ghax ma kienx hemm flus fil-kont, u dawn it-tariffi jigu imposti a bazi tat-termini u kondizzjonijiet fis-*sanction letter*, u jkun hemm klawsola msemmija fil-kuntratt ukoll, f'dan is-sens. Dwar l-imghax kompost impost fuq l-*overdraft*, qal li din hi prassi bankarja, u ma jistax ighid hix imnizzla fil-kuntratt.

**Charles Agius** xehed (fol 97-100)[3] u qal li jiftakar li saru serje ta' laqghat mal-Bank of Valletta, biex jinqasam il-*loan* u parti tigi fuqu u parti ohra tigi fuq Paul Pisani, peress li huma t-tnejn kienu '*jointly and severally liable'*. Izda, qal li din id-divizjoni li kienu qed jiddiskutu mar-*recoveries Department* baqghet ma sehhitx. Mistoqsi, dwar l-ahhar pagamenti li saru da parti taghhom, qal li dan kien fl-2012, ghax il-kumpanija waqfet tahdem fl-2012. Mistoqsi dwar meta rcieva l-*'call-in'*, kienx fi Frar 2013, qal li ma jiftakarx dwar dan, izda kkonferma li fl-2013 kienu weqfin mix-xoghol.

**Paul Pisani** xehed (fol 102-105)[4] u qal li hu Direttur u *shareholder* fil-kumpanija Galbest Ltd., ikkonferma li kienu marru jithaddtu l-Bank, il-Head Office, biex jaqsmu l-*loan* nofs bin-nofs, jigifieri jiehu nofsu hu, u n-nofs l-iehor Charles Agius fuq isimhom, izda dan ma kienx gie finalment accettat mill-Bank. Qal li fir-rigward ta' ittri, ma

[3] Seduta tal-25 ta' Frar 2016
[4] Seduta tal-15 ta' Marzu 2016

tantx jista' jghid ghax mhux edott mill-fatti, kien ihalli kollox f'idejn Charles Agius.

**L-ewwel eccezzjoni dwar eccessivita` tal-bilanc dovut:**

Jigi ritenut li, in kwantu ghal dak li gie sottomess li l-ammont mitlub mhuwiex dovut fl-intier tieghu, l-intimati ma pproducew l-ebda prova rigwardanti l-pretensjoni taghhom. Illi din il-prova kienet tispetta lilhom.

Ghalhekk, tichad l-ewwel eccezzjoni.

**It-tieni eccezzjoni dwar l-imghaxijiet semplici jew imghaxijiet komposti:**

Referibbilment ghall-kwistjoni ta' imghaxijiet, l-**artikolu 1142 tal-Kodici Civili** jiddisponi:

*"L-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu imghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dakinhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk, jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena."*

Illi fil-kaz in ezami, l-intimati nghataw '*loan*' ossia self permezz ta' Dok A, u '*overdraft*' permezz ta' Dok B. Jigi sottolineat li l-kuntratt ta' self mhux l-istess bhal kuntratt ta' *overdraft*. Dan gie spjeagt minn diversi awturi. **Torrente**

qal li " *l-apertura di credito non deve confondersi con il mutuo.*" (Manuale di diritto Privato, 9 Ediz. Pag.572).

Illi l-gurisprudenza taghna taghmel distinzjoni bejn *overdraft facilities* u self f'dak li huma l-principji legali li jirregolaw il-komputazzjoni ta' imghaxijiet. Filwaqt li l-kapitalizzazzjoni tal-imghax hija permissibbli f'*overdraft accounts,* huwa illegali u sahansitra kontra l-ordni pubbliku, u kwindi mhux permissibbli, f'kaz ta' self.

Illi gie ritenut li hija prassi bankarja li l-banek japplikaw *compound interest* ghall-*overdraft facilities.* Il-Qrati taghna ippronunzjaw ruhhom fuq din il-prassi :

"*l uso continuo non mai contrastato delle banche locali e quello che si usa in alter paesi, cioe` quello di capitalizzare nei casi di aperture di credito in conto corrente i lucre sui bilanci a loro dovuti senza precedente convenzione, e cioe` a periodi piu` brevi di un anno*." (Ara **Negte Francesco Tabone vs Avvocato Luigi Piavone noe.** Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1929, Vol. XXVII p.i.p826).

Skont is-sentenza li nghatat fil-kawza "**Edwin Vassallo nomine vs Salvatore Balucci"** (Prim' Awla 30 ta' April 1947) il-ftehim fir-rigward l-interessi hija kkunsidrata bhala wahda implicita u tacita f'*overdraft facilities* : wiehed jassumi li tezisti. Mhuwiex necessarju li l-ftehim fir-rigward l-interessi ikun wiehed bil-miktub jew espress. Il-bazi ta' dan il-ftehim tacitu huwa l-qofol ta' din il-facilita' u uzanza.

Dawn il-principji gew akkolti fil-gurisprudenza taghna b'mod konsistenti. Illi din il-Qorti, fil-kawza **Bank of Valletta plc v All Industrial Company Limited** deciza fit-30 ta' Ottubru 2014, ghamlet rassenja tal-gurisprudenza in materja.

Fis-sentenza **"Bank of Valletta p.l.c. vs Alfred Dalli"** datata 28 ta' Ottubru 1999 inghad is-segwenti:-

(1) Illi l-obbligazzjoni *"de quo"* ta' *"overdraft facilities"* hija obbligazzjoni ta' natura kummercjali, u ghalhekk hija regolata skont l**-Artikolu 3 tal-Kap 17**, u ghalhekk regolata mill-Kodici Kummercjali, u fin-nuqqas ta' dispozizzjonijiet *"ad hoc"* mill-uzu kummercjali, u fin-nuqqas ta' dan l-uzu, tapplika l-ligi Civili.

(2) Illi ghalhekk, **l-Artikolu 1142 tal-Kap 16** japplika biss jekk fil-**Kap 17** ma hemmx disposizzjoni ***"ad hoc***" dwar l-istess imghax, u jekk m'hemmx uzu kummercjali li jirregola il-materja, *stante* li l-**Artikolu 3 tal-Kap 17** jistabbilixxi mhux biss l-emanazzjoni tal-Ligi Kummercjali, imma wkoll l-ordni li trid tigi segwita, cioe`, l-ewwel il-Kodici Kummercjali, imbaghad l-uzu kummercjali, u biss fin-nuqqas, il-Kodici Civili. (**"Dennis Degiorgio nomine vs Nobbli Guido Sant Fournier nomine" K. 1.10.1980.)**

(3) Illi stabbilit dan jirrizulta li dan il-punt ma huwiex trattat fil-Kodici Kummercjali, u ghalhekk wiehed irid jindaga jekk jezistix uzu kummercjali f'dan ir-rigward; u fil-fatt skont is-sentenzi nostrani ma hemmx dubju li tali uzu

kummercjali jirrizulta sancit, stabbilit, rikonoxxut u segwit, tant li fil-kawza **"Dr. Joseph Agius M.D. nomine vs Dr. Carmel Agius et nomine"** (G.S. 20.3.1979) l-istess Qorti sostniet illi:-

*"Fil-gurisprudenza lokali din is-sistema ta' komputazzjoni (li l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk l-imghaxijiet isiru jifformaw parti mill-kapital) giet accettata bhala li hi permessa u skont l-uzu, u b'hekk hija legali u hu utili li ssir riferenza ghas-sentenzi riportati fil-**Vol. XXVII.i.826; XXX.iii.483** u ghas-sentenza deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 1979, fl-ismijiet **"Cecil Busuttil vs Spiteri Debarro**"***.

Infatti fis-sentenza appena citata intqal li:-

*"Din is-sistema ta' komputazzjoni tal-imghaxijiet f'konti kurrenti (overdrafts) hi legali kif hafna drabi gie deciz mill-Qrati Taghna* ***(*Ara. Koll. Decizjonijiet XVIII.iii.53; XXVII.i.826; XXVIII.iii.910; XXX.iii.840)" (ukoll "John Scicluna vs Dr. Michele Tufigno et nomine" - K. 25.4.1940-XXX.480).**

Hekk ukoll fil-kaz **John Scicluna vs Dr. Michele Tufigno et** noe, Qorti tal-Kummerc deciza fil-25 ta' April 1940, gie ribadit li:

*"..Is-sistema ta' komputazzjoni li l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk, l-imghaxijiet isiru jiffurmaw parti mill-kapital*."

Illi dawn is-sentenzi gew segwiti mis-sentenzi aktar ricenti tal-Qrati Taghna, bhal **“Dr. Grazio Mercieca nomine vs Joseph Cassar nomine et”** (M. 6.10.1994); **“Dennis Degiorgio nomine vs Nobbli Guido Sant Fournier”** (J.A. 1.10.1980.); “**Paul Azzopardi nomine vs Guido Falzon et.”** (A.K. 20.7.1994.) u **“Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg”** (A.K. 12.2.1988).

Illi f’din l-ahhar sentenza intqal pero` li jekk il-bank iwaqqaf tali *overdraft facilities*, skont it-termini tal-kuntratt tieghu, u jaghmel ***“call in”,*** u ma jhalliex lill-istess debitur jaghmel izjed uzu minn tali facilitajiet, l-istess bank ma ghandu ebda dritt li jaddebita lill-klijent (attur) bl-imghaxijiet komposti skont il-prattika bankarja, u dan a bazi tas-sentenzi gia citati “**Cecil Busuttil vs Alfred Spiteri Debarro”** u **“Dr. Joseph Agius M.D. vs Dr. Carmel Agius et”** u **“Paul Azzopardi vs Guido Falzon et”** (20.7.1994. A.K.) ghaliex mal-kjuzura tal-kont kurrenti (*overdraft*) l-imghax ghandu jigi kkalkolat bis-sistema normali stabbilita fil-Kodici Civili.

Hekk fil-kaz **Bank of Valletta Ltd. vs Anne’s Trading Co. Ltd.** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Dicembru 2002, il-Qorti rriteniet li ladarba jigi terminat il-ftehim, meta l-Bank attur isejjah lid-debitur biex ihallas il-bilanc dovut (“call in”), minn dak il-mument l-imghaxijiet komposti mhumiex aktar leciti. (Ara wkoll **BOV plc vs Group C. Ltd.** P.A. deciza fit-13 ta’ Frar 2007).

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz **Bank of Valletta p.l.c. vs Charles u Maria mizzewgin Muscat** (94/2003 (TM) P.A. deciza fis-6 ta' Mejju 2004, ghamlet studju approfondit tal-gurisprudenza u tad-dottrina fid-dawl tad-disposizzjonijiet legali applikabbli. Tenniet **li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili** huwa artikolu ta' ordni pubbliku li ma jistax jigi injorat bl-iskuza tal-prattika bankarja.

Il-Qorti osservat li :

*"Ghar-rigward ta' l-ewwel sottomissjoni, hu veru li hemm sentenzi li b'semplici referenza ghall-prattika bankarja, jaccettaw imghaxijiet komposti b'mod differenti minn dak kontemplat fil-ligi anke f'kazijiet ta' self. Din il-Qorti pero`, kif issa presjeduta, ezaminat il-kwistjoni fil-kawza* ***Lombard Bank Malta plc vs Iv's Co. Ltd. et****, deciza fit-3 ta' Lulju 2003. F'dik il-kawza, din il-Qorti osservat li filwaqt li f'kaz ta' overdraft, hu permess li banek kummercjali jiccargjaw imghaxijiet komposti, f'kaz ta' self ta' prattika bankarja hija kontra l-ordni pubbliku, u allura f'kaz ta' self mhux permess, lanqas ghal banek kummercjali, li jiccargjaw imghaxijiet komposti hlief bil-mod kif kontemplat fl-artikolu* ***1142 tal-Kodici Civili****. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara ezami tal-gurisprudenza u d-duttrina in materja, u kienet cara meta ghamlet distinzjoni bejn kuntratt ta' self u dak ta' overdraft jew kont current. Din il-Qorti osservat illi l-artikolu li jiprojbixxi l-kalkolu ta' imghaxijiet komposti huwa l-* ***artikolu 1142 tal-Kodici Civili*** *li jimponi c-cirkostanzi ta' kif u meta kreditur jista' jitlob l-imghax fuq imghaxijiet*

*maghluqa. Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett il-hlas ta' somma determinata." (**Artikolu 1139 tal-Kodici Civili**). Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjoni ta' mutwi u mhux fuq obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' "overdraft". Kuntratt ta' "overdraft" ma jitrattax obbligazzjoni ta' somma determinata, tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza Warrington noe vs Sciberras deciza fit-8 ta' Lulju 1985, kienet osservat li kuntratt li bih Bank jikkoncedi facilita` lill-klijent mhix titolu ezekuttiv, izda jehtieg dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza l-kreditu qabel ma l-Bank ikun jista' jiehu proceduri ezekuttivi fir-rigward. "*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tqis li meta kont kurrent jigi terminat, l-imghax irid jigi kalkolat bis-sistema normali stabbilit fil-Kodici Civili (ara **Azzopardi noe vs Falzon** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Lulju, 1994). Dan isehh ghax darba li l-facilita' tigi terminata, is-somma dovuta tigi determinata, u bhall-obbligazzjoni li ghandha bhala oggett taghha il-hlas ta' somma determinata, ma jistax jintalghab imghax fuq imghax jekk mhux kif kontemplat fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili.

F'dan il-kuntest, huwa relevanti wkoll l-**artikolu 1852 tal-Kap 16** li jipprovdi hekk:

(1) L-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena.

(2) L-imghax miftiehem f'izjed minn daqshekk jigi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.

(3) Jekk ikun gie mhallas imghax izjed minn dak li taghti l-ligi, z-zejjed jinqata' mill-kapital.

Ix-xhud **George Cassar White,** *Relationship Manager*, tal-kont ta' Galbest Ltd. ikkonferma li l-interessi fuq Dok A, huma b'imghax semplici, *stante* li dak kien kuntratt ta' self, filwaqt li l-interessi fuq l-*overdraft*, huma b'imghax kompost, sa meta saret il-"call-in", imbaghad wara l-"call-in", l-imghaxijiet isegwu b'imghax semplici.

*In vista* tas-suespost, u fid-dawl tal-gurisprudenza citata u tal-artikoli tal-ligi, jirrizulta li l-imghaxijiet gew komputati skont il-ligi. Minn stharrig tal-atti tal-kawza, u tad-dokumenti esebiti, x-xhieda ta' George Cassar White, hi konfortata, b'dokumenti esebiti a fol 19-28, jidher il-kont tal-*overdraft*, b'imghaxijiet kontinwi, u cjoe` b'imghax kompost, sakemm saret il-"call-in" u sussegwentement, b'imghax semplici u a fol 29-30 li huwa l-*loan account*, fejn jidher li l-imghaxijiet huma kollha mahdumin b'imghaxijiet semplici. Jigi dedott li rrizulta li l-ammont ta' self hu mahdum kollu b'imghax semplici, u li huwa biss l-*overdraft* li hu mahdum b'imghax kompost sad-data tal-"call-in". Il-Qorti ma thossx li ghandha tvarja b'xi mod il-konteggi maghmula mill-Bank ghax dawn huma validi u legali. Difatti, l-asserzjoni tal-intimati hi fis-sens li jekk l-imghax kompost mhux dovut ghandu jigi aggustat. Izda, referibbilment ghall-imghaxijiet, m'hemm xejn li ghandu jigi aggustat.

Ghaldaqstant, tichad it-tieni eccezzjoni.

**It-tielet eccezzjoni;**

Illi gie sottomess, li l-Bank impona diversi multi fuq l-intimati. Ghalhekk, qed jigu kkontestati dawn il-multi u l-imghaxijiet li setghu ddekorrew fuqhom.

Irrizulta li l-multi li qed jopponu ghalihom l-intimati gew imposti mill-bank minhabba cekkijiet li ma jkunux gew onorati, ghax ma jkunx hemm flus fil-kont. Dawn il-multi jinsabu elenkati fid-dokumenti esebiti (fol 23-29 tal-process). Ix-xhud George Cassar White kkonferma fix-xhieda tieghu, li din hi riflessa fit-termini u kondizzjonijiet tas-*sanction letter*, u huma mnizzlin ukoll kemm fil-*website* tal-bank, kif ukoll fil-"Bank tariffs of charges" li jkun hemm fil-Banek. Illi jirrizulta mis-"sanction letter" esebita, li l-kondizzjonijiet dwar “charges”, huma mnizzlin fis-*sanction letter* (fol 92). Jigi dedott li dawn mhumiex fil-fatt multi, izda huma “charges” impost skont il-prassi bankarja u skont it-termini u kondizzjonijiet tal-bank stess.

Hawnhekk, ta’ min isemmi li ma giet prodotta l-ebda prova da parti tal-intimati li dawn ic-“charges” huma zbaljati u li gew imposti mhux skont il-kondizzjonijiet tal-Bank. Inghad biss li opponew ghal dawn ic-“charges” u ghall-imghax impost fuqhom. Kien jinkombi fuqhom, li jippruvaw dan. Min-naha l-ohra, l-Bank attur irnexxielu jipprova b’mod konvincenti li c-“charges” in kwistjoni gew imposti skont it-

termini u kondizzjonijiet tal-Bank stess kif miftiehem mal-intimati. Din il-Qorti taqbel, ma' dak sottolineat mill-avukat difensur tal-Bank fit-trattazzjoni, li rrileva li ma tressqet l-ebda prova la fir-rigward tac-"charges", u lanqas dwar l-imghaxijiet, li diga gew trattati fit-tieni eccezzjoni. Illi l-unika xhieda tad-Diretturi tas-socjeta` Galbest Ltd. kienet iffukata dwar il-qasma tad-dejn mitluba minnhom, li ma gietx finalment accettata mill-Bank. Izda, ma tressqux provi in linea mal-eccezzjonijiet mressqa minnhom.

Fid-dawl ta' dan, tichad it-tielet eccezzjoni.

Jirrizulta li mar-rikors promotur, gew esebiti, mhux biss il-kuntratti tas-self u tal-*overdraft*, bhala **Dok A u Dok B**, izda gew esebiti wkoll ir-rendikonti permezz tal-i*statements of account*, ta' dak li qed jigi reklamat mill-Bank attur. Dawn l-i*statements of account* jinsabu esebiti (fol 19-28), u (fol 29-30). Illi gew esebiti l-iskritturi privati fejn l-intimati ggarantew flimkien u *in solidum* li jaghmlu tajjeb ghas-self (**Dok E sa H**) (fol 31- 46).

Minn dawn id-dokumenti esebit, jirrizultaw id-debiti tal-intimati. Illi *nonostante* li l-intimati gew interpellati permezz ta' ittri ufficjali datati 15 ta' Mejju 2015 esebit bhala **Dok I sa Dok K** (fol 47-54), izda baqghu inadempjenti. Difatti, rrizulta li l-intimati huma debituri ghall-ammont pretiz fir-rikors promotur, u dan l-ammont ghadu kollu dovut, hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' **Rose Cortis** tat-3 ta' Novembru 2015. (fol 78).

Illi konsegwentement, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tal-attur, bhala ppruvati u gustifikati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet attrici skont kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati **Dok A sa H**, partikolarment imma mhux esklussivament billi s-socjeta` Galbest Ltd., Charles Agius u Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani: (a) naqsu milli jhallsu l-pagament dovut lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu indempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Galbest Ltd., Charles Agius u Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta` Galbest Ltd, Charles Agius u Paul Anthony u Siglia Maria Consiglia mizzewgin Pisani, ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmint elef u erba' mitt ewro u disghin centezmu (€208,400.90) bilanc ghad-debitu ta' "*loan u overdraft accounts*" tas-socjeta` Galbest

Ltd. mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-12 ta' Mejju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati *in solidum* bejniethom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Lulju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Lulju 2016**